

- 2) Jekk l-ewwel domanda titlob, b'mod ġenerali, risposta li tafferma l-eżistenza ta' tali preklużjoni, ir-risposta tkun differenti meta jirriżulta, wara li ordni ta' ħlas Ewropea tkun ġiet iddikjarata eżekuttiva, li din ma ġietx innotifikata b'mod konformi man-normi minimi stabbiliti fl-Artikoli 13 sa 15 tar-Regolament Nru 1896/2006?
- 3) Jekk it-tieni domanda titlob risposta li tafferma l-eżistenza ta' tali preklużjoni, il-qorti li tkun ħarġet u ddikjarat eżekuttiva ordni ta' ħlas Ewropea tista' tiddeċiedi, *ex officio*, jew fuq l-inizjattiva tar-rikorrent, li din id-dikjarazzjoni li tikkonstata s-saħħa eżekuttiva ma hijiex valida meta jirriżulta, wara li ordni ta' ħlas Ewropea tkun ġiet iddikjarata eżekuttiva, li din ma ġietx innotifikata b'mod konformi man-normi minimi stabbiliti fl-Artikoli 13 sa 15 tar-Regolament Nru 1896/2006?
- 4) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għat-tielet domanda, il-qorti li tkun ħarġet u ddikjarat eżekuttiva ordni ta' ħlas Ewropea tista' tiddikjara ruħha dwar l-invalidità ta' din id-dikjarazzjoni li tikkonstata s-saħħa eżekuttiva indipendentement mill-iżvolġiment, l-għeluq jew l-eżitu tal-proċedura li tirrigwarda l-eżekuzzjoni forzata tal-ordni ta' ħlas li hija mibdija quddiem il-qorti tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni?

(<sup>1</sup>) ĠU 2006, L 399, p. 1.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesfinanzhof (il-Ġermanja) fid-19 ta' Ottubru 2022 – I (\*) GmbH & Co. KG vs Hauptzollamt HZA (\*)**

(Kawża C-655/22)

(2023/C 7/20)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Qorti tar-rinviju**

Bundesfinanzhof

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: I (\*) GmbH & Co. KG

Konvenut: Hauptzollamt HZA (\*)

**Domandi preliminari**

- 1) L-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1360/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jiffissa l-imposti tal-produzzjoni fis-settur taz-zokkor għas-snin tas-suq 2001/2002, 2002/2003, 2003/2004, 2004/2005 u 2005/2006, il-koeffiċjent meħtieġ għall-kalkolu tal-imposta addizzjonali għas-snin tas-suq 2001/2002 u 2004/2005 u l-ammont li għandu jitħallas mill-manifatturi taz-zokkor lill-bejjiegħa tal-pitravi fir-rigward tad-differenza bejn l-imposta massima u l-imposta li għandha titħallas għas-snin tas-suq 2002/2003, 2003/2004 u 2005/2006 (<sup>1</sup>), għandu jiġi interpretat fis-sens li produttur taz-zokkor kellu jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu għal rimbors tal-imposti miġbura indebitament mhux iktar tard mit-30 ta' Settembru 2014?
- 2) Fil-każ ta' risposta fin-negattiv għall-ewwel domanda: f'każ bħal dak f'din il-kawża (imposti ffixati bi ksur tad-dritt tal-Unjoni iżda b'mod definittiv, li r-rimbors tagħhom intalab biss sena wara l-iffissar retroattiv permezz tar-Regolament Nru 1360/2013 ta' koeffiċjent iktar baxx), l-awtorità kompetenti tista' tirrifjuta r-rimbors ta' imposti fuq il-produzzjoni miġbura indebitament billi tinvoka dispożizzjonijiet nazzjonali dwar in-natura definittiva [ta' deċiżjoni] u t-terminu ta' ffixar applikabbli skont id-dritt nazzjonali għad-deċiżjonijiet li jiffissaw l-imposti, kif ukoll il-prinċipju taċ-ċertezza legali fid-dritt tal-Unjoni?

(<sup>1</sup>) ĠU 2013, L 343, p. 2

(\*) Informazzjoni mħassra jew mibdula fil-qafas ta' protezzjoni ta' data personali u/jew kunfidenzjalità.